# ANNIVERSARJI

## DIN IS-SENA JAHBAT...

### • 375 sena mill-mewt tal-Kappillan Talavera

Fis-6 ta' Diċembru 1634, miet it-tielet Kappillan tal-Isla, Don Cosimo Talavera, fl-età ta' 53 sena. Talavera rabat ismu b'mod indellibbli mal-istorja tal-Isla, għall-fatt li fi żmienu, u eżattament fis-sena 1618, meta hu kien ilu sena biss Kappillan, waslet fl-Isla, b'mod providenzjali l-istatwa ħelwa u għażiża ta' Marija Bambina. Wara li b'ferħ kbir laqa' din l-istatwa, flimkien mal-benefattur Nardu de Maria, immedjatament xettel u beda jkabbar il-qima u d-devozzjoni lejn din ix-xbieha ħelwa tal-Madonna Tarbija, devozzjoni li baqgħet tintiret f'kull qalb tassew Sengleana minn ġenerazzjoni għall-oħra. Il-Kappillan Talavera kien indifen fil-qabar tas-saċerdoti fil-knisja li hu kien mexxa għal tul ta' 17-il sena.



*Pissidi tal-fidda li jġib is-sena 1634 u li ġie mogħti lill-Paroċċa tal-Isla mill-Kappillan Talavera*



*Mons. Isqof Bartolomeo Rull*

### • 250 sena mill-Viżta Pastorali tal-Isqof Bartolomeo Rull

Ir-relazzjoni ta' din il-Viżta Pastorali mill-Isqof Rull fl-Isla ma tgħid kwazi xejn ġdid fir-rigward tal-Knisja Parrokkjali. Hemm kliem ta' tifħir dwar il-kobor tal-knisja, il-mod kif kienet iddekorata u miżmuma kif ukoll rapport dettaljat tal-ħidma tal-Kappillan, il-kleru u l-Fratellanzi li ġa kienu twaqqfu fl-Isla. L-istess kien ingħad għall-knejjes filjali ta' San Ġiljan u tal-Madonna tal-Porto Salvo. Iżda, ta' interess partikulari fir-rigward ta' din il-knisja ta' Santa Marija tal-Porto Salvo huwa l-fatt illi f'dak iż-żmien, it-tiġrijiet tad-dgħajjes li kienu jsiru fit-2 ta' Lulju, nhar il-festa tal-Porto Salvo, kienu ilhom ma jsiru għal madwar erba' jew ħames snin. Dan minħabba nuqqas ta' finanzi għall-organiżazzjoni tagħhom. Dan il-fatt hu rappurtat fid-dettal fir-relazzjoni ta' din il-viżta, għaliex il-knisja tal-Porto Salvo kellha rabta u parti diretta fl-organizzazzjoni ta' dawn it-tiġrijiet. Iżda irid jingħad ukoll illi dik is-sena, qisu biex bħal speċi jpatti għal dan, il-festa tal-Porto Salvo saret b'solennità akbar, peress illi għall-ewwel darba fl-istorja, il-festa f'dik il-knisja inkludiet ukoll purċissjoni.



*Nikola Dingli (1725 - 1809)*

**• 200 sena mill-mewt ta' Nikola Dingli**

Nikola Dingli, kien twieled fl-Isla fit-3 ta' Jannar 1725, ġo familja eżemplari u għanja. Ta' 38 sena huwa żżewweġ lil Maddalena Cornelio, ukoll minn familja sewwa u tat-tajjeb. Huma iżda raw ħafna żventuri fil-ħajja matrimonjali, għaliex it-tliet ulied li kellhom, tnejn mietu żgħar ħafna, u waħda fl-eta ta' 25 sena biss. Mal-mewta ta' din l-aħħar wild, u peress li ma kellhomx eredi, iddeċidew illi d-dar kbira li fiha kienu jgħammru, jagħmlu minnha opra soċjali. Din id-dar faċċata tal-baħar fix-Xatt tal-Isla, riedu li tinbidel f'ospizju għan-nisa morda. Nikol iddetta wkoll illi din l-opra soċjali tkun fdata f'idejn, u amministrata mill-Arċkonfraternità tal-Kurċifiss u Karità, bħala l-għaqda Sengleana l-aktar idonea biex tidħol għal dan l-impenn. Dan l-ospizju għadu operattiv sal-lum taħt l-isem ta' *Dar Sant' Anna*. Nikola Dingli miet fl-Isla fit-8 ta' Awwissu 1809.

**• 175 sena mit-twelid ta' Ġlormu Darmanin**

Ġlormu Darmanin twieled fl-Isla fil-11 ta' Ġunju 1834. Il-familja Darmanin kienet razza ta' nies illi kellhom l-arti tiġri fil-vini ta' demmhom. Missieru Salvatore kien skultur fl-irħam magħruf sewwa, u zijuh kien il-famuż statwarju Karlu Darmanin. Xi xogħol tiegħu ta' lapidi tal-irħam intarzjat huwa parti mill-paviment tal-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl fil-Belt Valletta. Iżda l-aktar li hu magħruf hu għax-xogħol tal-kartapesta: statwi proċessjonali kif ukoll għall-armar tat-toroq. Fost l-aktar magħrufin hemm il-Madonna tad-Duttrina f'Ħal Tarxien, u l-istatwi ta' San Ġużepp fil-Ħamrun, Ħaż-Żebbuġ u l-Isla. Għall-Isla ħadem ukoll l-istatwa imponenti ta' Ġuditta għall-armar tal-festa. L-aħħar biċċa xogħol li ħadem kienet l-istatwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor, titular tal-knisja ddedikata lilha f'tas-Sliema, li hu lesta ftit jiem biss qabel miet fl-Isla fl-età ta' 45 sena fit-3 ta' Awwissu 1879.



*Ġlormu Darmanin (1824 - 1879)*



*L-artal fil-Bażilika li fuqu twaqqfet il-Kongregazzjoni tas-Sacro Cuor*

**• 125 sena mit-twaqqif tal-Kongregazzjoni tas-Sacro Cuor**

Din il-Kongregazzjoni twaqqfet fil-Parroċċa tal-Isla fi żmien l-Arċipriet Dun Anton Cordina fl-1884, bil-ħidma sfieqa tas-sagristan tal-Kolleġġjata Ġużeppi Abela, magħruf bħala 'il-Luranju'. L-għan ta' din il-Kongregazzjoni kien illi jkabbar id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt it-titlu ta' Sultana tal-Qalb ta' Ġesù. Huma kienu jagħmlu devozzjonijiet Marjani, fuq l-artal fejn kienet imwaqqfa din il-Kongregazzjoni, kuljum matul ix-xahar ta' Mejju, kif ukoll festa solenni fil-Ħadd li kien jaħbat bejn il-festa ta' Lapsi (li kienet tkun iċċelebrata fil-jum tal-Ħamis) u l-Pentecoste. Grazzi għall-ħidma tal-fundatur, l-artal tas-Sacro Cuor ġie dotat b'ħafna armar sabiħ u rikk.

**• 100 sena mill-mewt ta' Karlu Darmanin**

Dan l-istatwarju, meqjus bħala l-iprem fost l-istatwarji Maltin tas-seklu 19, kien Senglean ieħor li għamel ġieħ bl-arti tiegħu, mhux biss lilu nnifsu, imma wkoll lill-Belt twelidu. Aktar tagħrif dwar dan l-istatwarju qed jidher f'artiklu separat f'paġna 51.

**• 75 sena tal-innu**
**"O Marija, O Ħelwa Bambina"**

Fis-sena 1934, Mons. Emmanuel Galea, Senglean li fil-futur mhux il-bogħod kellu jsir it-tielet Isqof minn din il-Belt, kiteb l-innu popolari f'ġieħ Marija Bambina: "O Marija, O Ħelwa Bambina". Huwa innu ħiereġ mhux biss minn qalb tħeġġeġ Sengleana, imma aktar minn hekk, ħiereġ minn moħħ u qalb ispirati b'imħabba qawwija lejn il-Patruna ta' Beltna. L-innu kien ġie mmużikat mis-Surmast Ferdinando Falzon, organista tal-Bażilika. Il-versi sbieħ tiegħu, kif ukoll il-melodija ħelwa li għandu, wasslu biex malajr indara mill-poplu Senglean, u beda jitkanta fil-funzjonijiet liturġiċi u ċelebrazzjonijiet oħra. Sal-lum dan l-innu għadu jitkanta b'entużjażmu u bil-qalb f'ċirkustanzi diversi, kemm fil-Bażilika tagħna, kif ukoll f'okkażjonijiet oħra fl-Isla, u saħansitra 'l barra mis-swar ta' Beltna. Huwa innu ta' tifħir u talb ħerqan lil Marija Bambina, illi kull Senglean dehen ta' ismu, għandu jkun jafu sew u jkantah bil-qalb.



*Mons. Isqof Emmanuel Galea, l-awtur tal-Innu Popolari lil Marija Bambina*



• **75 sena mill-inawgurazzjoni tal-pittura tal-Kor**

Is-sena 1934 rat ukoll l-inawgurazzjoni tal-pittura ġdida fis-saqaf tal-Kor tal-Bażilika. Il-pittur żagħżugħ Ġużeppi Briffa, kien tqabbad mill-Arċipriet Bonanno biex jagħmel din l-opra kolossali, l-akbar biċċa xogħol li qatt għamel dan il-pittur. Din il-pittura hija meqjusa mill-kritiċi tal-arti bħala l-kapulavur tal-artist, u waħda mill-iprem opri tal-arti sagra tas-seklu 20. Din il-pittura, mifruxa fl-ispazju kollu tas-saqaf vast tal-Kor, kienet maqsuma fi tliet partijiet: dik tan-nofs kienet turi il-glorja ta' Marija Verġni fi Twelidha, u fuq kull ġenb, naħa waħda xena tat-taqbid waqt l-Assedju l-Kbir, u n-naħa l-oħra kienet turi lill-Gran Mastru La Valette jiżżi ħajr lill-Madonna għar-Rebħa miksuba. Veru ħasra illi din l-opra inqerdet kompletament, anqas minn tmin snin wara, fir-rovini tal-gwerra.

*Il-parti ċentrali tal-pittura tas-saqaf tal-Kor tal-Bażilika, xogħol il-Profs. Ġużeppi Briffa, li turi r-rebħa ta' Malta fuq il-Qawwa Ottomana f'jum it-Twelid ta' Marija Bambina (ara wkoll paġna 65)*

• **50 sena mill-bini mill-ġdid tat-Tribuna**

Wara l-ftuħ mill-ġdid tal-Knisja fl-1957, beda x-xogħol biex il-Bażilika terġa' tibda tieħu d-dehra klassika li kellha qabel. Fost affarijiet oħra li saru matul l-1959, 50 sena ilu, kien hemm it-tkomplija tat-Tribuna Bażilikali u żewġ opri tal-fidda. L-aktar li jispikka kien it-tkomplija tat-Tribuna, meta f'dik is-sena tpoġġew f'posthom l-erba' kolonni bid-dekorazzjonijiet fit-terz t'isfel u l-kapitelli tal-bronż, li jerfgħu l-kuruna ta' fuq. It-tqegħid ta' dawn il-kolonni, maħduma minn blokka waħda ta' rħam aħmar, kienet it-tieni fażi fil-bini ta' din it-Tribuna.

F'dik is-sena wkoll saru żewġ opri tal-fidda: il-gwarniċi tal-14-il stazzjon tal-Via Sagra u ventartal għall-artal ta' San Franġisk. Il-gwarniċi tal-Via Sagra tħallsu minn 14-il benefattur differenti u ġew inawgurati waqt il-Festa tal-Via Sagra fit-Tieni Ħadd tar-Randan. Il-ventartal għall-artal ta' San Franġisk iżżanżan għall-Festa tal-Bambina u tħallas mill-Arċikonfraternità tal-Kurċifiss bħala kumpens talli din il-Fratellanza ingħatat il-ventartal tal-fidda li kien tal-artal maġġur tal-Kolleġġjata, u li ma baqax jintrama meta sar l-artal bażilikali.



*Waħda mill-kolonni tal-irħam tat-Tribuna qed titqiegħed f'postha*